MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 32/2003

**Gelluxa Limited**

**vs**

**Philip Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kundannat thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tmien mija sitta u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm846.50c) ammont dovut fuq merkanzija li giet mibjugha u ikkonsenjata lilek mill-mittenti fuq istruzzjonijiet tieghek stess.

Kif ukoll l-ispejjez legali fuq din is-somma mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-3 ta’ Jannar 2003.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah.”

Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fl-10 ta’ April 2003, fil-25 ta’ April 2003, fid-29 ta’ April 2003, fit-30 ta’ April 2003 u dik tal-lum;

Sema’ d-deposizzjoni guramentata ta’ Saviour Grech, rapprezentant tas-socjeta’ attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokument “GL-1” esibit;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM846.50c bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lis-socjeta’ attrici quddiem dan it-Tribunal u tal-ittra interpellatorja tat-3 ta’ Jannar 2003 a kariku tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------